TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

2

Avviż Numru CCT 166/12-F

Raymond Micallef
vs
Spiteri Bailey & Co.

Illum 9 ta' Lulju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-16 ta' Lulju, 2012 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' spejjeż fl-ammont ta' mija u tmintax-il ewro (€118), rappreżentanti xogħol żejjed li ma kienx it-tort tiegħu li ntilfu l-karti.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien qabbad lis-soċjeta' ntimata sabiex jagħmel oġġezzjoni ta' taxxa u ħallas tax-xogħol li għamlulu. Pero' meta mar jiċċekja mad-dipartiment biex jara jekk waslitx l-ittra, qalulu li ma waslitx għandhom.

Is-soċjeta' intimata reġgħet bdiet tfittex u talli fittxew din l-ittra bagħtulu kont ta' mija u tmintax-il ewro (€118).

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi eventwalment din l-ittra nstabet fid-dipartiment, illi huma kienu għamlu xogħolhom u li kien id-dipartiment li ma sabhiex mill-ewwel, illi r-rikorrenti reġa' qabbad lis-soċjeta' ntimata sabiex ifittxu l-ittra u li ħaditilhom iż-żmien u li għalhekk bagħtulu l-kont ta' mija u tmintax-il ewro (€118).

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' ntimata żgur li ma kellhiex tort u *se mai* t-tort huwa tad-dipartiment u jekk ir-rikorrenti qabbad lis-soċjeta' ntimata tagħmillu xogħol iktar, din għandha dritt titħallas għalih.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Avv Martin Fenech
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888